

mt



I-Unjoni Ewropea  
Politika reġjonali

# info regio

| Nru 28 | Diċembru 2008 |

panorama



**Green Paper dwar  
il-Koeżjoni Territorjali,  
it-triq 'il quddiem**

# Kontenut

## Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali, *it-triq 'il quddiem*

### **Il-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali – nibdlu d-diversità f'saħħa**

X'inhuma l-mistoqsijiet madwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni fl-Ewropa?  
Panorama tippreżenta l-Green Paper u teżamina wħud mill-kwistjonijiet ewlenin.

### **Il-Green Paper minn angoli differenti**

Ħames intervisti jipprovdu tieqa fuq kif dawk involuti direttament  
jaraw il-Green Paper, l-iskop tagħha u l-għanijiet tagħha.

### **Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali, x'inhu u kif jaħdem**

L-istrument il-ġdid tal-Kummissjoni stabbilit biex jgħin lir-reġjuni jersqu viċin xulxin  
taħt identità legali, jaqtgħu l-burokrazija u jneħħu l-ostakli għall-kooperazzjoni.

### **Rapport: Il-Konferenza ta' Pariġi dwar il-Koeżjoni Territorjali u l-futur tal-Politika ta' Koeżjoni**

Panorama jivvjaġġa lejn Pariġi għal konferenza ta' jumejn,  
u jirrapporta lura dwar il-messaġġi ċentrali u jipprovdi ħarsa ġenerali  
lejn l-opinjoni u l-mistoqsijiet imressqa biex jitkompla d-dibattitu.

### **Aġenda**

### **REGIO u Netwerks**

### **Online**

Ritratti (paġni): Il-Kummissjoni Ewropea (3, 4, 5, 7, 9, 11, 12, 14, 15, 16, 17),  
EPA PHOTO / CTK / MILAN KOSECEAR (6), EPA PHOTO / ATTILA KISBENEDEK (8).

Qoxra: Ġeneratur li jaħdem bir-riħ, Blyth, fir-Renju Unit  
Ritratt: Il-Kummissjoni Ewropea.

Editur: Raphaël Goulet, Kummissjoni Ewropea, DĠ għall-Politika Reġjonali.

Kollaboraturi oħra: Tipik S.A.

Din ir-rivista hija stampata bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż  
fuq karta riċiklata u hija disponibbli fi 22 lingwa tal-Unjoni Ewropea fuq:  
[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/index_en.htm)

L-opinjoni u l-imfissra f'din il-pubblikazzjoni huma dawk tal-awtur u mhux  
neċessarjament jirriflettu l-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea.

4



8



12



13



18

19

20

# Fil-qosor

## Koeżjoni Territorjali – Nibdlu d-diversità f'saħħa

Il-Green Paper tal-Kummissjoni ippubblikata reċentement dwar il-Koeżjoni Territorjali xprunat dibattitu fuq kwistjonijiet li huma fundamentali għall-mod li bih taħdem l-UE. Lil hinn milli toħloq impatt fuq il-Politika ta' Koeżjoni biss, il-karta tqajjem mistoqsijiet dwar in-natura tal-kooperazzjoni territorjali, dwar kif in-nies jużaw l-ispazji li jgħixu fihom, l-implikazzjonijiet territorjali tal-politiki settorali, ir-relazzjoni bejn il-kooperazzjoni u l-kompetittività. L-istili ta' ħajja qed jinbidlu, u qed jevolvu sfidi li qatt ma ħsbna fihom qabel. Il-gvernijiet fl-Ewropa jridu jirrispondu, fil-livelli kollha. Imma kif?



B'dibattitu daqshekk fertili li jestendi fuq firxa ta' suġġetti, din l-edizzjoni ta' Panorama tiffoka biss fuq il-Green Paper. Nagħtu ħarsa lejn il-Green Paper innifisha, nirrappurtaw mill-konferenza ta' ftuħ li ġiet organizzata fuq jumejn f'Pariġi, nintervistaw ħamsa minn nies involuti direttament fil-Politika Reġjonali f'livelli varji biex insiru nafu x'inhuma t-tamiet u l-beżgħat tagħhom u nintroduċu l-għodda l-ġdida tal-UE li tagħmel il-kooperazzjoni reġjonali transkonfinali aktar faċli – ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali, EGTC.

Id-dimensjoni territorjali ilha fil-qalba tal-Politika ta' Koeżjoni sa mill-bidu tagħha, permezz tas-sistema ta' eliġibilità, jew is-sistema tad-distribuzzjoni tar-riżorsi finanzjarji jew il-mod li bih ġie organizzat l-ipprogrammar. Iżda ħafna jħossu l-bżonn li l-mod ta' kif il-politiki pubbliċi jindirizzaw il-ħtiġijiet territorjali għandu jitjieb, anke jekk fil-preżent m'hemm l-ebda qbil dwar kif dan għandu jsir. F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew, il-laqgħat informali ministerjali tal-Ministri responsabbli għall-iżvilupp urban u l-Koeżjoni Territorjali f'Leipzig fl-2007, kif ukoll ħafna assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw tipi speċifiċi ta' territorji, talbu lill-Kummissjoni biex tippreżenta karta dwar il-Koeżjoni Territorjali. Il-Green Paper hija r-risposta tagħna.

Billi nediet id-dibattitu, l-Kummissjoni għandha l-ambizzjoni li tilħaq fehim komuni dwar il-Koeżjoni Territorjali, u li ssib soluzzjonijiet Ewropej komuni.

Nistiednek taqra din ir-rivista ta' Panorama u żżur il-website ta' Inforegio ddedikata għall-Green Paper [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/consultation/terco/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/consultation/terco/index_mt.htm)

Issieħeb fid-dibattitu u esprimi l-opinjonijiet tiegħek!

**Danuta Hübner**  
Kummissarju għall-Politika Reġjonali

## Nibdlu d-diversità territorjali f'punt pożittiv – Il-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali

**Densità, distanza u diviżjoni: tliet fatturi li r-rapport tal-Bank Dinji tal-2009 jidentifika bħala li għandhom impatt possibbli fuq il-pass tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali. Fil-Green Paper tagħha dwar il-Koeżjoni Territorjali, il-Kummissjoni tenfasizza tliet fronti possibbli kif għandhom jiġu indirizzati dawn l-isfidi; tikkunsidra reġjuni b'karatteristiċi ġeografiċi partikolari; tiddiskuti l-kunċett ta' Koeżjoni Territorjali fl-ipprogrammar tal-politiki tal-UE u tiftaħ it-tema ta' koeżjoni għal dibattitu.**

Fl-2006, il-Kunsill adotta l-Linji Gwida Strateġiċi tal-Komunità li ddikjaraw, "il-promozzjoni ta' Koeżjoni Territorjali għandha tkun parti mill-isforz biex nassiguraw li t-territorju kollu tal-Ewropa jkollu l-opportunità li jikkontribwixxi għall-aġenda għat-tkabbir u tal-impjiegi". Il-linji gwida strateġiċi għall-iżvilupp rurali jenfasizzaw ukoll il-kontribuzzjoni magħmula minn programmi relatati mal-Koeżjoni Territorjali.

Il-ħtieġa ta' promozzjoni tal-kooperazzjoni, djalogu u sħubija bejn il-livelli differenti tal-gvern, organizzazzjonijiet u n-nies li jimplementaw il-politika fil-prattika, hija rikonoxxuta dejjem aktar.

Meta wieħed iqis dawn il-kwistjonijiet u l-bidliet minħabba t-tkabbir reċenti, il-ħtieġa li jiġu armonizzati l-forzi biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' ekonomija globali u l-bżonn assolut ta' ħidma lejn tkabbir sostenibbli, il-Kummissjoni ppublikat din il-Green Paper u nediet il-fażi ta' konsultazzjoni tagħha. Allura x'inh i t-tema vera għad-diskussjoni?

### **Konċentrazzjoni – Konnessjoni – Kooperazzjoni: nwieġbu għall-isfidi**

#### *Konċentrazzjoni*

L-UE għandha disinn ta' sistemazzjoni mhux tas-soltu b'madwar 5 000 raħal u kważi 1 000 belt mifruxa mal-Ewropa. Għalkemm in-netwerk urban huwa relattivament dens, 7% biss tal-popolazzjoni tgħix fi bliet ta' aktar minn ħames miljuni kuntrarju għall-25% fl-Istati Uniti.

Fuq livell globali, l-ibliet huma iżgħar fl-UE u dan għandu effett fuq il-produttività. L-UE hija karatterizzata b'inqas konċentrazzjoni spazjali ta' attività ekonomika minn żoni oħrajn żviluppatti tad-dinja – li jirrifletti ċertu stil ta' ħajja Ewropew li jagħti valur lill-iżvilupp sostenibbli, lill-protezzjoni tar-riżorsi naturali u lit-tradizzjonijiet kulturali. Dan kollu jfisser li għalkemm il-ħajja urbana hija karatteristika mifruxa, mhijx waħda kkonċentrata: l-abitanti tal-ibliet jgħixu viċin iż-żoni rurali u r-residenti rurali ħafna drabi jgħixu viċin tas-servizzi. Rhula żgħar u ta' daqs medju huma aktar importanti minn dak li jista' jissuġġerixxi d-daqs tagħhom, u jipprovdu infrastruttura u servizzi li huma fundamentali biex jiġi evitat it-tnaqqis tal-popolazzjoni rurali u t-tkaxkir urban.

F'territorju kkaratterizzat b'numru kbir ta' rħula żgħar u ta' daqs medju, kif jistgħu jinkisbu l-vantaġġi tal-attività ekonomika kkonċentrata filwaqt li jiġi evitat il-lat negattiv,



*Il-benefiċċji ekonomiċi tal-konċentrazzjoni jeħtieġu jiġu mħeġġa, filwaqt li xorta waħda jiġu ppreservati l-aspetti pożittivi tal-ibliet u tal-irħula Ewropej.*

bħat-tniġġis, il-konġestjoni, it-taħsir urban u l-esklużjoni soċjali? Ir-risposta tinsab fl-inkoraġġiment tal-kooperazzjoni, l-interazzjoni u l-konnessjoni bejn l-irħula, l-ibliet u ż-żoni rurali tal-madwar. Biex tibbenefika miż-żieda fil-produttività miġjuba mill-konċentrazzjoni ta' attività ekonomika, l-Ewropa trid tikseb influwenza permezz tan-networking aktar milli l-ibliet il-kbar joħlqu l-effett permezz ta' sempliċi numri.

Il-Koeżjoni Territorjali tistaqsina kif aħna nistgħu nagħmlu mill-aħjar li nistgħu minn din l-istruttura ta' sistemazzjoni unika u diversa billi ċ-ċittadini Ewropej m'għandhomx ikunu żvantaġġjati fir-rigward tal-opportunitajiet ta' impjiegi, l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni, l-aċċess għas-servizzi pubbliċi u l-bqija sempliċement minħabba li jkunu qed jgħixu f'reġjun u mhux f'ieħor.



*Sistemi ta' ġestjoni tat-traffiku avvanzati jgħibu lin-nies flimkien fiżikament filwaqt li użu aħjar tat-teknoloġija jippromwovi l-iskambju ta' ideat.*

## Konnessjoni

Tkun kemm tkun ibbilanċjata, l-urbanizzazzjoni li sseħħ fil-futur, il-konurbazzjonijiet individwali, u n-nies li jgħixu fihom, jeħtieġu jittressqu lejn xulxin. Wieħed mill-ewwel jaħseb fil-links tat-trasport, iżda l-interkonnessjoni timplika wkoll: aċċess tajjeb għall-broadband internet; konnessjoni ma' provvisti affidabbli ta' enerġija; links bejn iċ-ċentri ta' riċerka u n-negozji u l-assigurazzjoni li l-ħtiġijiet speċjali tal-gruppi żvantaġġati jintlaħqu.

Fl-Istati Membri l-ġodda, il-links tajbin tat-toroq huma skarsi u l-linji tal-ferroviji huma mraqqgħin: f'ħafna mill-każi, il-linji tal-ferroviji ma jiddux ferroviji b'veloċità qawwija u ħafna drabi jkollhom bżonn ta' tiswija. Jeħtieġ li jiġu implimentati sistemi avvanzati ta' ġestjoni tat-traffiku. It-tnaqqis tas-CO<sub>2</sub> li jista' jiġi billi l-merkanzija tinġarr bil-baħar mhux qed jinkiseb – it-trasport bil-baħar u b'moghdi internu tal-ilma jibqa' sotto-żviluppat.

L-aċċess għas-servizzi ta' interess ġenerali bħall-kura tas-saħħa jew l-edukazzjoni ħafna drabi huwa problema fiż-żoni rurali. F'reġjuni remoti, medja ta' 40% tal-popolazzjoni tgħix aktar minn nofsiegħa bogħod minn sptar u 43% aktar minn siegħa bogħod minn università. Il-potenzjal tal-ICT biex joffri telemediċina u tagħlim remot mhux qed ikun sfruttat.

Żoni metropolitani tul il-fruntieri lokali u reġjonali, u r-reġjuni tal-fruntieri, fi ħdan l-UE-15 ibbenefikaw minn ħafna snin ta' Politika ta' Koeżjoni b'impatti pożittivi inkluż titjib fl-aċċessibilità, il-kwalità u l-effiċjenza ta' kura tas-saħħa transkonfinali - importanti billi hemm nuqqas ta' regoli ċari fuq il-kwistjoni tal-aċċess.

L-UE hija mdawra b'reġjuni lejn in-nofsinar u l-lvart li għad għandhom Prodott Gross Domestiku (PGD) aktar baxx għal kull ras miż-żoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni – li diġà għandhom l-aktar rati baxxi ta' PGD fl-UE. Uħud minn dawn

## Għad-dibattitu

Hemm bżonn li jiġu żviluppati politiki koerenti għall-infrastruttura u l-kooperazzjoni ekonomika fl-Istati Membri l-ġodda u r-reġjuni tal-fruntieri tal-purtiera l-antika tal-ħadid. Huwa meħtieġ ukoll xogħol ta' titjib fuq l-użu ta' spazji marittimi u l-qsim tal-fruntieri bejn l-art u l-baħar.

## Għad-dibattitu

Hemm bżonn ta' żvilupp aktar bilanċjat u sostenibbli li jsaħħa il-kompetittività waqt li fl-istess ħin jirrispetta l-assi naturali, bħal pereżempju l-kampanja miftuħa. Dan l-iżvilupp għandu wkoll jassigura l-koeżjoni soċjali. Dan jimplika li jiġu evitati konċentrazzjonijiet eċċessivi ta' tkabbir filwaqt li kulħadd jiġi meġġun biex jieħu l-benefiċċji tal-faċilitajiet li jiġu mal-ħajja f'raħal u f'belt – pereżempju aċċess għal sptarijiet u skejjel.

il-pajjiżi barra l-UE għandhom ukoll popolazzjonijiet li qed jikbru, allura l-pressjoni għal migrazzjoni hija kbira.

## Kooperazzjoni

Kwistjonijiet li jirrikjedu kooperazzjoni aktar mill-viċin jistgħu jkunu sottili – problemi li jidhru li jqumu u jaffettwaw reġjun wieħed biss, fil-fatt jistgħu jiġu pprovokati barra minn dak it-territorju. Ħamrija kkontaminata tkun tidher bħala problema speċifikament lokalizzata, meta titfaċċa. Iżda l-pollutanti midfuna f'pajjiż jistgħu jikkawżaw tnixxija li tista' taffettwa pajjiż ieħor – saffi tal-ilma taħt l-art jistgħu jiġu degradati u jista' jkun li pajjiż jaġixxi b'mod irresponsabbli u jkun pajjiż ieħor li jispiċċa jħallas id-danni. It-tibdil fil-klima u l-għargħar, nar u nixfiet sussegwenti huma sfidi aktar ovvjii li jeħtieġu kooperazzjoni transkonfinali dejjem aktar effiċjenti.

Filwaqt li l-kunsiderazzjonijiet ambjentali jisfidaw il-kunċetti ta' frontieri, konfini u reġjuni indipendenti li kellna qabel, in-natura tal-andamenti tax-xogħol moderni teħtieġ ukoll sħubiji aktar mill-qrib bejn żoni li qabel kienu jqisu ruħhom bħala entitajiet diskreti, separati. L-iżvilupp ekonomiku, it-trasport pubbliku, l-aċċess għall-kura tas-saħħa, edukazzjoni ogħla u l-faċilitajiet ta' taħriġ – kollha jinvolvu frontieri reġjonali.

Il-valur miżjud tal-kooperazzjoni huwa rikonoxxut ħafna. Wara 14-il sena ta' programmi li jimmiraw din il-kwistjoni, il-Kummissjoni tittama li l-Green Paper tiġbed l-attenzjoni fuq il-benefiċċji miksuba jekk il-kooperazzjoni territorjali tittieħed f'livell ġdid. Dan diġà qed jidher fl-Istrateġija tal-UE għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku li għadha fil-bidu – spunt tajjeb għal mod ġdid ta' ħsieb fuq in-natura tal-kooperazzjoni territorjali li tenfasizza aktar strateġiji koerenti, objettivi tal-komunità skambjati u għodda robusta għall-implimentazzjoni.

Iżda hemm bżonn li l-ideali jitpoġġew fil-prattika u jinstabu modi ta' kif dawn l-għanijiet jiġu meġġunin iktar. Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (EGTC) jagħti qafas legali lill-amministrazzjonijiet differenti sabiex jaħdmu flimkien – iżda jista' u għandu jsir aktar.

## Għad-dibattitu

Hemm bżonn li jkun hemm sett għodod aktar sempliċi, iktar effettivi u adatti sabiex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn il-kulturi amministrattivi u istituzzjonali differenti; l-EGTC huwa l-ewwel pass tajjeb.

## Għad-dibattitu

Ir-reġjuni b'karatteristiċi ġeografiki speċifiċi jeħtieġu miżuri politiċi speċjali?

## Il-ġeografija - ħabib jew għadu?

Reġjuni muntanjużi u gżejjer jippreżentaw karatteristiċi ekonomiċi singolari daqs it-topografija tagħhom. Waqt li f'ħafna każi, it-turiżmu qdiedhom sew, kabbar l-ekonomija lokali u pprova l-mezzi u l-motivazzjoni għall-kollegamenti tat-trasport u servizzi bażiċi tajbin, dan għamilhom ukoll vulnerabbli. Id-dipendenza fuq settur wieħed biss tpoġġi lil dawn l-ekonomiji f'riskju, li jsir aktar akut bl-isfidi tat-tibdil fil-klima – il-gżejjer jiffaċċjaw livelli tal-baħar li qed jogħlew u erożjoni kostali, filwaqt li l-muntanji jiffaċċjaw glaċieri li qed jinxtorbu fid-daqs u tnaqqis fl-inżul ta' borra.

L-aċċessibilità hija ostaklu kumulattiv ieħor għall-iżvilupp – il-gżejjer ħafna drabi huma periferali u ż-żoni muntanjużi f'ħafna każijiet jaġixxu bħala ostakli naturali bejn l-Istati Membri, u jirrinforzaw l-effetti tal-fruntieri. Għalhekk, il-kooperazzjoni internazzjonali f'dawn iż-żoni hija essenzjali mhux biss għar-reġjuni muntanjużi nfushom, iżda wkoll għall-art il-baxxa li jiseparaw.

## Għaliex il-pubblikazzjoni ta' Green Paper issa?

Id-diskussjoni dwar l-iżvilupp territorjali bdiet fil-bidu tas-snin 90 bil-pubblikazzjoni ta' żewġ rapporti, Ewropa 2000 u Ewropa 2000+. Iżda kien biss fl-1995 waqt laqgħa tal-Assemblea tar-Reġjuni Ewropej f'Antwerp li deher il-kunċett ta' Koeżjoni Territorjali għall-ewwel darba.

Sentejn wara, l-kunċett ġie introdott fit-Trattat ta' Amsterdam (Artikolu 7d) u fl-1999 l-Istati Membri adottaw il-Perspettiva tal-Iżvilupp tat-Territorju Ewropew (ESDP). Laqgħat frekwenti bejn il-ministri responsabbli għall-ippjanar tal-ispazju u l-iżvilupp reġjonali, minn diversi gvernijiet, wasslu għall-adozzjoni ta' Aġenda Territorjali li stabbilixxiet tliet prijoritajiet għall-koeżjoni:

- Li l-politiki għall-iżvilupp nazzjonali u territorjali reġjonali jiġu ffukati fuq kif l-assi jintużaw tajjeb;
- Jissaħħu l-links bejn, u l-integrazzjoni tat-territorji billi jiġu promossi l-kooperazzjoni u l-iskambji; u



Elementi ġeografiki bħal meded muntanjużi jissfidaw il-kunċetti li kellna qabel dwar il-fruntieri.



*Il-Politika ta' Koeżjoni – il-bidla ta' sfidi territorjali fpunti pożittivi.*

- Titjeb il-konsistenza tal-politiki tal-UE b'impatt territorjali.

L-enfasi fuq il-Koeżjoni Territorjali fil-livell intergovernattiv uriet li d-dibattitu kien avanzat biżżejjed biex jimmira għal viżjoni skambjata ta' kif il-koeżjoni tidħol fil-politiki tal-UE – wara sena ta' formolazzjoni, ġiet ippublikata l-Green Paper biex tikkonsolida u tiffirma t-triq 'il quddiem.

### **Nieħdu l-Koeżjoni Territorjali għal livell ġdid**

S'issa, l-pedament tradizzjonali tal-iffinanzjar ta' koeżjoni, u l-unità ta' analiżi li fuqha kienet ibbażata l-politika, kienu r-reġjuni amministrattivi ta' daqs medju tal-Istati Membri imsejħa NUTS-2, identifikati mill-EUROSTAT bħala li għandhom sett ta' parametri komuni.

Il-kooperazzjoni territorjali titlob approċċ aktar flessibbli għall-ġeografija li jikkunsidra kemm reġjuni iżgħar kif ukoll oħrajn akbar bħar-reġjun tal-Baċir tad-Danubju u tal-Baħar l-Iswed. Iżda l-analiżi ma tiqafx hemm; l-approċċ il-ġdid għall-ġeografija jinkludi fih ukoll livelli ta' kooperazzjoni u netwerks bħala karatteristiċi ġeografiċi, u jagħti dimensjoni oħra għall-modi ta' kif jiġi kkunsidrat it-tfassil tal-Unjoni Ewropea.

L-argument li għandna bżonn kontrapont territorjali għal politiki kbar, settorali mal-UE kollha, qed iżid fil-momentum, kif qed jagħmel ukoll il-fatt li l-politika għandha bżonn tiġi adattata fil-livell lokali biex taħdem sew. Dan qed jibda dieħel ma' ċerti programmi reġjonali li jgħaddu l-baġits globali direttament lill-ibliet involuti, u jagħtuhom sehem fid-disinn u l-implimentazzjoni ta' proġetti. L-enfasi hi fuq it-tiswir ta' politika bbażata fuq il-post bil-kelma "territorju" u dan ifakkar lill-awtoritajiet li jeħtieġ li jkunu jafu l-qagħda tal-art qabel ma jifformulaw il-politika. Hemm bżonn ta' bidla fl-ippjanar tal-politika settorali. L-iżvilupp ta' politiki settorali, għandhom jikkunsidraw, fil-livelli kollha, l-impatt li l-politiki se jkollhom fir-reġjuni nfushom. L-agrikultura, l-innovazzjoni, l-iżvilupp sostenibbli – mhux kollox jgħodd għal kulħadd.

Il-Green Paper tirfina l-approċċ, billi targumenta li hemm bżonn li l-attenzjoni impliċita mitfugħa fuq il-Koeżjoni Territorjali ssir waħda espliċita – il-Politika Reġjonali, kif timplika d-deskrizzjoni tagħha, għandha tkun applikata għat-tipi differenti ta' reġjuni, fit-tifsira komuni ta' din il-kelma, jew biex nużaw terminu ieħor, għat-territorji. Il-punt fokali subnazzjonali jeħtieġ li jitħeġġeġ b'enfasi fuq politiki 'ibbażati fuq il-post' li jintegraw ma' politiki fuq setturi bħall-iżvilupp sostenibbli u l-aċċess għas-servizzi.

Billi tissuġġerixxi ġeografija aktar flessibbli, il-karta ma tiddebitax mill-kompetenza nazzjonali u reġjonali fil-qasam tal-ippjanar spazjali u l-użu tal-art. Kif tispjega Danuta Hübner, il-Kummissarju għall-Politika Reġjonali: "Aħna rridu nesploraw forom ġodda ta' governanza biex nrrinforzaw aktar il-kombinament diffiċli, iżda essenzjali ta' direzzjoni Ewropea ta' livell għoli u aġġustament minn isfel għal fuq tal-ħtiġiet u l-preferenzi lokali."

### **Id-diversità bħala riżorsa u mhux bħala ostaklu**

Flimkien ma' bidla fil-perspettiva tiġi bidla fil-filosofija – il-kooperazzjoni mhix biss dwar li nippruvaw nittraxxendu l-fruntieri nazzjonali, hija wkoll pass kritiku lejn is-saħħa.

Sterjotipi sempliċi bħal pereżempju "urban tfisser produttività – rurali tfisser żvantaġġ" iridu jitneħħew bħalma hi l-ideja li ċerti tipi ta' topografija huma marbuta sewwa ma' PGD baxx. Xi bliet qed jitħabtu, xi żoni rurali qed jikbru u l-kooperazzjoni territorjali għandha tiffoka biex tressaq it-tejn lejn xulxin biex tipprovdli l-opportunità lir-reġjuni biex itejbu l-ħajja tan-nies kollha li jgħixu fihom.

Għandhom jingħataw fondi lil sinerġiji li jkunu għadhom kif nibtu, li jipperpetwaw lilhom infushom, u li jgħadduhom lura lir-reġjun wara li jkun intemm il-proġett jew il-programm. Il-fokus għandu jimxi minn tisħiħ għat-tizriġ tal-potenzjal għat-tkabbir – nikkooperaw biex nikkompetu.

Il-Kummissjoni tilqa' l-kummenti tiegħek matul dan il-proċess ta' dibattitu li se jibqa' sejjer sal-aħħar ta' Frar, 2009.

Ara l-website tal-Green Paper:

[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/consultation/terco/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/consultation/terco/index_mt.htm)

## Il-Green Paper minn angoli differenti

L-għażla segwenti ta' intervisti tenfasizza kif kampjun rappreżentattiv ta' nies involuti fil-politika reġjonali jaraw il-Green Paper. Il-prijoritajiet u l-pożizzjonijiet tagħhom huma minsuġin max-xogħlijiet tagħhom u biex jipprovdu l-perspettivi differenti tagħhom, kull persuna intervistata ġiet mistoqsija żewġ mistoqsijiet ewlenin li jibqgħu l-istess f'kull każ. It-tielet waħda hija adattata għal kull persuna intervistata, u din tipprovdi tieqa fuq it-tħassib prinċipali tagħhom, tħassib li jvarja skont ir-rwol tagħhom.

*Danuta Hübner, Kummissarju Ewropew għall-Affarijiet Reġjonali*

### 1. Kif tipprevedi li l-Green Paper reċenti dwar il-Koeżjoni Territorjali tbbiddel l-affarijiet fil-prattika?

Il-Green Paper titlobna nikkunsidraw l-impatt li l-linji politiċi, bħat-trasport jew l-agrikoltura għandom fil-prattika. Din tistaqsi kif jista' jinkiseb l-iżvilupp armonjuż ta' territorji differenti permezz ta' linji politiċi pubbliċi differenti, u b'mod partikolari permezz tal-Politika ta' Koeżjoni Ewropea.



*Il-politika teħtieġ li tkun integrata fil-livelli kollha, tindirizza l-ħtiġiet tan-nies li jgħixu f'territorji definiti sewwa.*

Il-Politika ta' Koeżjoni hija dwar l-assigurazzjoni li n-nies ikunu kapaċi jisfruttaw bl-aħjar mod il-karattersitiċi inerenti tat-territorji li jgħixu fihom u l-Green Paper tiftaħ id-dibattitu dwar kif dan jista' jiġi ggarantit. Aħna qed nisimgħu dak li qed jgħidu n-nies f'dan il-perjodu ta' konsultazzjoni u qed nieħdu nota tal-kummenti tagħhom, iżda, fl-opinjoni tiegħi, hemm aspetti konkreti li jridu jiġu kkunsidrati.

Irridu naħsbu mill-ġdid kif niddefinixxu "territorju" u nagħmlu politika. Aktar ma jmur, in-nies mhux qed jillimitaw ruħhom għal frontieri amministrattivi stabbiliti – qegħdin jivvjaġġaw għax-xogħol u jkopru distanzi akbar biex jixtru jew jiddevertu – għalhekk il-mod ta' kif jgħixu fi ħdan it-territorji qiegħed jinbidel. Fl-istess waqt, sfidi ġodda bħall-globalizzazzjoni, il-bidla fil-klima u l-immigrazzjoni jeħtieġu azzjoni Ewropea komuni li tlaqqa' flimkien il-livelli kollha tat-tfassil tal-linji politiċi.

Jeħtieġ li jkollna approċċ integrat għall-ħolqien tal-politika fil-livelli kollha; **il-linji politiċi pubbliċi jeħtieġu jissodisfaw il-bżonnijiet tan-nies f'territorji li huma definiti sewwa.**

Dawn it-territorji jistgħu jvarjaw minn komunitajiet lokali għal żoni metropolitani, minn reġjuni transkonfinali għal baċini marittimi jew tax-xmajjar transnazzjonali.

Hemm bżonn tal-progress biex jiġu kkoordinati l-politiki settorali u territorjali, anke jekk il-politiki differenti jibqgħu awtonomi. Hemm bżonn ukoll ta' aktar sħubija biex jiġi rinforzat il-kombinament diffiċli, iżda essenzjali tad-direzzjoni Ewropea ta' livell għoli, u d-definizzjoni minn isfel għal fuq tal-bżonnijiet u l-preferenzi lokali.

Hemm bżonn ta' għarfien aħjar tat-territorji tagħna inkluż id-dinamiċi territorjali, l-impatti, x-xenarji u l-bqija, sabiex jittieħdu deċizzjonijiet aħjar. Id-dejta u l-indikaturi, kif ukoll il-metodi, jeħtieġu jkunu kapaċi josservaw in-natura kumplessa tal-impatt li l-linji politiċi jista' jkollhom fil-prattika. Qiegħed isir ħafna xogħol f'dan ir-rigward, pereżempju fi ħdan il-programm ESPON.

### 2. Il-kooperazzjoni tidher li hija tema fundamentali fil-Green Paper – liema kwistjonijiet taħseb li jridu jingħelbu sabiex ikun hawn kooperazzjoni inter-reġjonali u kooperazzjoni reġjonali transnazzjonali vera?

Il-preambolu tat-Trattat ta' Liżbona jindika li l-għan primarju tal-Unjoni Ewropea huwa li "toħloq dejjem aktar għaqda bejn il-popli tal-Ewropa" u li "tassigura l-progress ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi tagħhom permezz ta' l-azzjoni komuni biex jiġu eliminati l-ostakoli li jifirdu l-Ewropa".

Biex niżguraw dan irridu niffukaw fuq il-kooperazzjoni, u irrispettivament minn kemm nimplimentaw tajjeb is-suq intern, xorta waħda jibqgħu ostakli.

Jien nittama li l-Green Paper tixpruna diskussjoni ta' importanza kbira, li tidentifika l-isfidi komuni għal ċerti tipi ta' reġjuni u li dawn jiġu indirizzati aħjar permezz tal-kooperazzjoni. Il-kooperazzjoni u l-qsim ta' esperjenza bejn ir-reġjuni tista' tkun xprun fundamentali sabiex jiġi stimolat proċess ta' żvilupp reġjonali dinamiku u li jħares 'il quddiem.

Il-governanza b'ħafna livelli tista' tagħti forma lil kooperazzjoni sostenibbli fi ħdan oqsma kbar, transnazzjonali bħal meded ta' muntanji, agglomerazzjonijiet transkonfinali u territorji komuni fuq skala aktar lokali. Hawn, ir-Raggruppament Ewropew għal Kooperazzjoni Territorjali, li jista' jinvolvi l-livelli pubbliċi kollha, jidher li huwa għodda emblematika tal-UE.



### 3. Id-dibattitu dwar il-Koeżjoni Territorjali huwa prematur, meta wieħed iqis li t-Trattat ta' Liżbona, fejn din hija stabbilita, għadu ma ġiex iffirmat?

Id-dibattitu mhuwiex prematur – huwa importanti li wieħed jirrealizza li l-Kunċett ta' Koeżjoni Territorjali mhuwiex wieħed ġdid. F'dan il-kuntest, il-Parlament Ewropew, il-laqgħa informali tal-Ministri responsabbli għall-iżvilupp urban u l-Koeżjoni Territorjali f'Leipzig fl-2007, kif ukoll ħafna assoċjazzjonijiet li jirrapreżentaw tipi speċifiċi ta' territorji, talab lill-Kummissjoni biex tippreżenta karta dwar il-Koeżjoni Territorjali. Il-Green Paper hija r-risposta tagħna.

Id-dimensjoni territorjali ilha fil-qalba tal-Politika ta' Koeżjoni sa mill-bidu tagħha, permezz tas-sistema ta' eliġibilità, is-sistema tad-distribuzzjoni tar-riżorsi finanzjarji u l-mod li

biha ġie organizzat l-ipprogrammar. Iżda ħafna jħossu l-bżonn li għandu jitjieb il-mod ta' kif il-politiki pubbliċi jindirizzaw il-bżonnijiet territorjali, anke jekk fil-preżent m'hemm l-ebda ftehim sod dwar kif dan għandu jsir.

Billi tat bidu għad-dibattitu, il-Kummissjoni tittama li tilħaq ftehim komuni ta' Koeżjoni Territorjali, u soluzzjonijiet Ewropej komuni. Iżda aħna għandna nqisu wkoll il-proċess tal-politika. It-Trattat ta' Liżbona se jagħmel l-għan tal-Koeżjoni Territorjali viżibbli u espliċitu; iżda l-ewwel dan irid jiġi ratifikat. Il-Politika Futura ta' Koeżjoni se tfannad id-dimensjoni territorjali tal-iżvilupp; iżda fil-preżent aħna qed naħdmu ħafna biex nagħmlu l-implimentazzjoni tal-programmi 2007-2013 waħda ta' suċċess. Irridu naħsbu fil-futur, iżda jistgħu jsiru ħafna affarijiet bit-trattati u r-regolamenti preżenti.

*Michel Delebarre, L-ewwel Vċi-President tal-Kumitat tar-Reġjuni sa mill-2008, Sindku ta' Dunkerque*

### 1. Kif tipprevedi li l-Green Paper reċenti dwar il-Koeżjoni Territorjali tbidel l-affarijiet fil-prattika?

L-ewwel vantaġġ hu l-ftuħ tad-dibattitu. Il-kunċett huwa essenzjali għall-għaxar snin li ġejjin għall-kostruzzjoni tal-Unjoni Ewropea. Allura xi rridu nfissru b'Koeżjoni Territorjali? L-analiżi tiegħi hi li kull territorju għandu jkollu tama għall-futur, għandu jkun kapaċi jibni strateġija skont il-mod tiegħu. Dan ma jfissirx li t-territorji kollha huma l-istess, se jkollhom l-istess numru ta' SMEs jew l-istess grad ta' infrastruttura. Ir-reġjuni kollha jiltaqgħu ma' problemi interni relatati mal-Koeżjoni Territorjali u l-kompetittività. Min-naħa tagħna, jeħtieġ li nħallu lir-reġjuni kollha jilagħbu l-parti tagħhom fil-'kunċert Ewropew' kemm minkejja kif ukoll minħabba d-diversità tagħhom. **L-ebda territorju m'għandu jkun abbandunat, jitħalla jibqa' lura fl-iżvilupp tal-UE.**

Għandna bżonn nippreżentaw politika volontarja ta' koeżjoni biex ikollna Koeżjoni Territorjali. M'għandhiex tkun politika tat-tip li 'ssewwi kollox' għall-politiki tal-UE li ma nbidlux mingħajr ma tagħti kas tat-territorju, fuq għażla tagħhom, bħal ngħidu aħna, politiki ta' riċerka jew agricoli. Mhuwiex possibbli li Politika ta' Koeżjoni jew ta' Koeżjoni Territorjali tiġi kkunsidrata bħala waħda li ssewwi dawn il-politiki l-oħrajn kollha. Għalhekk huwa importanti li naħsbu fuq dan il-punt għall-futur, għall-UE.

### 2. Il-kooperazzjoni tidher li hija tema fundamentali fil-Green Paper – liema kwistjonijiet taħseb li jridu jingħelbu sabiex ikun hawn kooperazzjoni transkonfinali u kooperazzjoni reġjonali transnazzjonali vera?

Ħadd ma jikkontesta l-valur miżjud li tikseb l-Ewropa permezz tal-kooperazzjoni territorjali. Din jeħtieġ li tissaħħaħ bħala għodda fundamentali għall-Koeżjoni Territorjali.

Meta nħarsu, b'mod konkret, lejn il-fruntieri insibu lilna nfusna f'territorji li, bla dubju, jipprovdu l-akbar opportunitajiet għall-bini futur tal-Ewropa. Huwa hawn li aħna naffettwaw il-ħajja ta' kuljum tan-nies. Hemm ostakli fil-qasam tas-sigurtà soċjali u fil-qasam tat-trasport, iżda jien nemmen li nkunu kapaċi negħlbu dawn kollha. L-UE trid tibqa' tikkunsidra dan il-proċess bħala laboratorju għall-bini ta' Unjoni Ewropea li għandu preżenza ta' kuljum. Jien naħseb li dak huwa importanti ħafna.

Kulħadd jixtieq jara li l-aħjar Prattika tkun implimentata iżda dan mhuwiex possibbli mingħajr xi finanzjament u xi regolamentazzjoni Ewropea. Hemm bżonn li ngħidu, b'mod ċar u tond, li f'għajnejn dawk eletti, dawk li jaħdmu fl-istituzzjonijiet u dawk involuti fl-aspetti ekonomiċi u soċjali tat-territorji, huwa inkonċepibbli li l-għan attwali ta' kooperazzjoni jkun ikkunsidrat mill-ġdid, wara l-2013. Ikun hemm titjib, iva. Ikun hemm riformi, iva. Iżda l-iskambju tal-aħjar Prattika ma jistax isir b'xejn u m'għandhomx jitpoġġew restrizzjonijiet fuq il-kooperazzjoni territorjali.

### 3. Xi rwol għandu jkollhom is-servizzi pubbliċi fil-Koeżjoni Territorjali?

It-Trattat ta' Liżbona jorbot b'mod ċar il-kunċett tas-servizzi pubbliċi mal-Koeżjoni Territorjali li hija aspekk fundamentali fil-kostruzzjoni tal-Koeżjoni Territorjali. Pereżempju, eja nikkunsidraw id-direttiva dwar is-servizz postali. Jien żgur illi li kieku sottomettejna t-test għal eżaminazzjoni minn qabel, fir-rigward tal-ħtiġiet tal-Politika ta' Koeżjoni Territorjali, ma konniex inkunu kapaċi nużaw l-istess test għaliex dan ma jirrispondix għall-ħtiġiet tal-Koeżjoni Territorjali. Is-servizzi pubbliċi huma dimensjoni li teħtieġ terġa' tiġi applikata għall-kunċett ta' Koeżjoni Territorjali. Dan jista' jixpruna lill-Ewropa biex tirrevedi numru ta' affarijiet fir-rigward tas-servizzi pubbliċi. Jien kont nixtieq kieku l-Green Paper tagħmel enfasi ferm aktar qawwi fuq dan.



*Il-kunċett Ewropew: kull diversità tar-reġjun hija l-qawwa ġenerali tal-Ewropa.*

*Andreas Faludi, Professur tas-Sistemi tal-Politika dwar l-Ispazju fl-Ewropa fl-Istitut ta' Riċerka OTB għall-Istudji dwar l-Akkomodazzjoni, l-Urbaniżmu u l-Mobilità, fl-Università ta' Delft Membru Onorarju tar-Royal Town Planning Institute (RTPI, UK) u tal-Assoċjazzjoni tal-Iskejjel Ewropej tal-Ippjanar (AESOP)*

## 1. Kif tippredvi li l-Green Paper reċenti dwar il-Koeżjoni Territorjali tbidel l-affarijiet fil-prattika?

Billi hija dokument ta' diskussjoni, il-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali mhijex mistennija li 'tbidel l-affarijiet fil-prattika', iżda wieħed jista' ovvjament jistaqsi x'jistgħu jkunu l-effetti tad-diskussjoni li se tiġġenera. F'dawn it-termini, jiena nippredvi li se jkun hemm aktar attenzjoni għal fejn jgħixu n-nies, fejn jinsabu d-ditti, fejn jinsabu l-komunitajiet jew ir-reġjuni lokali fir-rigward tal-imsieħba tagħhom, il-kompetituri tagħhom, is-swieq tagħhom eċċ. Fi kliem ieħor, kif jiddikjaraw tajjeb il-Linji Gwida Strateġiċi tal-Komunità, 'il-ġeografija hija importanti', u **naħseb li b'riżultat tal-Green Paper, l-atturi pubbliċi u privati se jgħaqqdu l-forzi tagħhom biex jifhmu aħjar il-ġeografija** u kif jikkunsidraw il-pożizzjonijiet ġeografiċi tagħhom. Fuq din il-bażi, huma jistgħu wkoll jifhmu lil xulxin aħjar u jtejbu kemm il-politiki individwali kif ukoll dawk konġunti tagħhom.

## 2. Il-kooperazzjoni tidher li hija tema fundamentali fil-Green Paper – liema kwistjonijiet taħseb li jridu jingħelbu sabiex ikun hawn kooperazzjoni transkonfinali u kooperazzjoni reġjonali transnazzjonali vera?

Fil-mument, l-artikolazzjoni tal-ħsibijiet territorjali u tal-istrateġiji territorjali hija fformata b'mod kruċjali minn struttura istituzzjonali li evolviet tul is-sekli, b'komunitajiet fil-qiegħ ta' piramida, in-nazzjon stat fuq nett u saff jew aktar bejniethom.

Din tant hija stabbilita sew li aħna ma tantx nistgħu naħsbu fina nfusna u fl-istituzzjonijiet tagħna u kif norganizzaw il-leġittimità demokratika tagħna f'xi terminu ieħor.

Fl-istess ħin, ir-realtà qed tinbidel b'mod mgħaġġel, b'ħafna relazzjonijiet jaqsmu l-fruntieri stabbiliti sew u b'saħħithom magħmula biex iġibu l-ordni f'din is-sistema. Sar ħafna progress biex jiġu faċilitati l-iskambji, iżda l-istruttura eżistenti għadha b'saħħitha ħafna. Allura, l-kontabilità sseħħ f'termini ta' 'il-komunità tiegħi', 'ir-reġjun tiegħi', 'in-nazzjon tiegħi', 'il-votanti tiegħi', bħalma tagħmel il-leġittimità politika – li forsi hija l-akbar sfida għall-kooperazzjoni interreġjonali u transnazzjonali.

## 3. Għaliex huwa daqshekk diffiċli li niddefinixxu l-Koeżjoni Territorjali – l-ewwel mistoqsija li tagħmel il-Green Paper, u waħda li ħafna drabi titqajjem fid-diskussjonijiet?

Bħal fil-każ ta' koeżjoni ekonomika u soċjali li bl-istess mod tevta definizzjonijiet sempliċi, il-Koeżjoni Territorjali hija kunċett li jinkorpora fi ħdanu għadd ta' kunċetti oħrajn. Michel Barnier li, bħala l-Kummissarju għall-Politika Reġjonali fl-2000-04 kien responsabbli għall-introduzzjoni tal-Koeżjoni Territorjali fid-dibattitu, identifika ħafna elementi fiha: it-tħassib dwar l-ekwiżità (jiġifieri, fejn jgħixu n-nies la għandu jiddetermina b'mod kruċjali l-opportunitajiet tagħhom u lanqas il-kwalità tal-ħajja tagħhom); il-kompetittività (ir-reġjuni u l-lokalitajiet, kull wieħed bil-mod tiegħu, għandhom rwol kruċjali fit-tkabbir u l-ħolqien tax-xogħol); is-sostenibilità u l-governanza tajba. Dawn jirrappreżentaw ħsibijiet differenti, u potenzjalment kontradittorji, li jeħtieġu jiġu speċifikati, u possibbilment rikonċiljati, minn każ għal każ. Għalhekk il-Koeżjoni Territorjali hija stedina għall-ballu, mhijex il-ballu nnifsu.

*Lambert van Nistelrooij, Membru tal-Parlament Ewropew, Rapporteur fuq il-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali u l-Ħames Rapport dwar il-Progress tal-Politika ta' Koeżjoni*

## 1. Kif tippredvi li l-Green Paper reċenti dwar il-Koeżjoni Territorjali tbidel l-affarijiet fil-prattika?

Jien irrid nenfasizza l-bżonn ta' "politiki orizzontali" b'approċċ integrat, biex nagħmlu t-tmexxija tat-territorji aktar effiċjenti. Il-baġits tal-UE u l-politiki jikkomplementaw lil xulxin fuq territorju partikolari. Jien għalhekk nappoġġja l-approċċ tal-Kummissjoni ta' "konnessjoni, kooperazzjoni u konċentrazzjoni". Dan iwassal għal ħarsa ġenerali mal-Ewropa kollha lejn il-livell ta' tkabbir u tal-ġid. Jekk l-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali jkunu jridu, il-fondi tal-UE jistgħu jappoġġjaw "l-akbar żvilupp". Aħna naraw entitajiet ġodda ta' żvilupp reġjonali, pereżempju f'reġjuni transkonfinali jew "meta-reġjuni", bħal fir-reġjun tal-Baħar Baltiku. Barra dawn l-iżviluppi, il-Koeżjoni Territorjali tisħaq fuq l-appoġġ għal tkabbir sostenibbli u l-kompetizzjoni fir-reġjuni Ewropej kollha. **L-allokazzjoni futura tal-fondi Ewropej se tkun influwenzata mill-għan tagħna li naħdmu għal Ewropa simmetrika, multipolari u bilanċjata.**

## 2. Il-kooperazzjoni tidher li hija tema fundamentali fil-Green Paper – liema kwistjonijiet taħseb li jridu jingħelbu sabiex ikun hawn kooperazzjoni transkonfinali u kooperazzjoni reġjonali transnazzjonali vera?

L-ewwelnett, ir-reġjuni jitgħallmu ħafna minn xulxin u jaqsmu esperjenza fi programmi bħal, Reġjuni ta' Bidla Ekonomika, Reġjuni ta' Għarfien u l-Inizjattiva tal-Programm dwar il-Viċinat tal-Ewropa. L-Ewropa għandha tradizzjoni b'saħħitha ta' kooperazzjoni interreġjonali u transkonfinali. Investimenti pubbliċi u privati, koordinazzjoni miftuħa jew eko-sistemi innovattivi huma kunċetti moderni li għandhom jiġu appoġġjati b'mod qawwi. Ir-reġjuni u l-ibliet huma l-pjattaforma territorjali fejn il-politiki jingħaqdu u jiksbu valur miżjud.

Fil-perjodu 2007-13, it-tielet għan (kooperazzjoni) kien limitat f'termini finanzjarji. Jien nipproponi li nsaħħu dan il-għan. Il-qawwa tal-kooperazzjoni interreġjonali u transkonfinali hija kbira, u għandha tkun dettaljata aktar.

### 3. Il-Parlament, kif jista' jikkontribwixxi biex jittkompla d-dibattitu politiku dwara il-Koeżjoni Territorjali, fid-dawl tal-pubblikazzjoni reċenti tal-Green Paper?

F'dan l-istadju tad-diskussjoni dwar il-Koeżjoni Territorjali, il-Parlament se jmxexxi 'l quddiem ideat ġodda u ta' sfida biex jittkompla d-dibattitu dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni. "Il-Koeżjoni Territorjali" għandha tiġi f'moħħ dawk b'interess, bħala kunċett orizzontali li għandu l-għan li jiddefinixxi l-impatt territorjali tal-politiki ta' koeżjoni u settorali fuq territorju partikolari.

Għalhekk, il-Parlament Ewropew għandu jkun sod fit-talba tiegħu għall-pubblikazzjoni ta' White Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali, wara t-tmiem tal-proċess ta' konsultazzjoni tal-Kummissjoni. Dan biss iwitti t-triq għat-traduzzjoni tal-Koeżjoni Territorjali f'dispożizzjonijiet konkreti, li għandhom jiġu introdotti fil-pakkett leġiżlattiv li jmiss dwar il-Fondi Strutturali għall-perjodu ta' programmar wara l-2013. Jien nemmen li l-Parlament Ewropew se jipproteġġi d-dimensjoni territorjali tal-politiki tagħna b'mod aktar qawwi minn kif għamilna qabel. Dan se jkun approċċ għaż-żona Ewropea kollha, mhux biss għar-reġjuni l-aktar foqra!



*Eko-sistemi innovattivi: il-kompetittività hija meġhuna permezz tal-kooperazzjoni u n-nies jistgħu jiskambjaw l-aqwa Prattika.*

*Jesús Bedoya Vega, Viċi Direttur Ġenerali tal-Ekonomija fil-Ministeru Reġjonali tal-Ekonomija u l-Finanzi ta' Kantabrya*

### 1. Kif tippredvi li l-Green Paper reċenti dwar il-Koeżjoni Territorjali tbidel l-affarijiet fil-prattika?

Il-Green Paper huwa dokument interessanti ħafna li jipprovdi ħafna fuq xiex naħsbu u jiftaħ dibattitu dwar kunċetti assoċjati mal-Koeżjoni Territorjali. Madankollu, fil-prattika, il-progress ta' dan id-dibattitu huwa mxekkel min-nuqqas ta' ideat konkreti u soluzzjonijiet tiegħu rigward l-aspetti finanzjarji, li huma fundamentali meta wieħed jipprova jimplementa l-ideat li fih id-dokument.

### 2. Il-kooperazzjoni tidher li hija tema fundamentali fil-Green Paper – liema kwistjonijiet taħseb li jridu jingħelbu sabiex ikun hawn kooperazzjoni transkonfinali u kooperazzjoni reġjonali transnazzjonali vera?

Bħala punt ta' tluq, huwa essenzjali li niddefinixxu u niddelimitaw in-natura u l-karatteristiċi ta' kull tip ta' kooperazzjoni. L-isfidi, l-problemi u s-soluzzjonijiet rigward il-kooperazzjoni transkonfinali mhumiex l-istess bħal dawk iffaċċjati mill-kooperazzjoni transnazzjonali jew interreġjonali. Tradizzjonalment, il-kultura tal-kooperazzjoni rabbiel l-għeruq tagħha fil-frontieri tal-viceinat tar-reġjuni, u bħala riżultat, l-ingaġġ ta' aġenti ta' kooperazzjoni transnazzjonali jiżdied biss jekk l-oqsma ta' kooperazzjoni eżistenti jiġu rinforzati u kkonsolidati b'suċċess.

### 3. X'inhil-valutazzjoni tiegħek tal-kooperazzjoni transnazzjonali fiż-żona tal-Lbiċ tal-Ewropa, fejn ir-reġjun tiegħek jaġixxi bħala Awtorità Maniġerjali?

L-evalwazzjoni tiegħi hija waħda pożittiva ħafna; sar ħafna progress f'dawn l-aħħar snin. Dan il-progress ippermetta aktar

minn ħames mitt organizzazzjoni tal-Lbiċ tal-Ewropa biex jibdeu proġetti ta' kooperazzjoni komuni, anke meta ma kienx hemm esperjenzi ta' kooperazzjoni qabel. Dak huwa s-suċċess veru tal-kooperazzjoni.



*Il-kura tas-saħħa: qasam wieħed li jinvolvi kooperazzjoni transkonfinali.*

# Ir-Raggruppament Ewropew ta' Kooperazzjoni Territorjali (EGTC) - it-tkomplija tal-għanijiet tal-Green Paper

**"Il-Koeżjoni Territorjali hija dwar l-addattament għar-realtà u l-isfidi tal-lum. Hija mudell Ewropew għat-tkabbir sostenibbli u l-impjegji" spjegat Danuta Hübner, il-Kummissarju għall-Politika Reġjonali, meta nediet id-dibattitu dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni.**



EGCC – It-tnaqqis tal-kumplexità ta' kooperazzjoni transkonfinali.

Il-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali titkellem dwar l-iżvilupp armonjuż mal-UE kollha u tassicura li n-nies huma kapaċi jagħmlu l-aħjar mill-karatteristiċi inerenti tar-reġjuni li jgħixu fihom. Targumenta li l-kompetittività tiddependi fuq il-bini ta' links ma' territorji oħra biex jużaw assi komuni b'mod koordinat u sostenibbli – iżda jekk dawk l-assi komuni jiġu skambjati fuq reġjuni differenti, jew mal-fruntieri tal-Istati Membri, is-sitwazzjoni tista' ssir waħda kumplexa. Biex twitti t-triq għal kooperazzjoni territorjali aktar mill-viċin, il-Kummissjoni stabbiliet l-EGTC, li għandu l-għan li jissimplifika l-amministrazzjoni u l-kontroll finanzjarju tal-kooperazzjoni territorjali fl-Ewropa.

## X'inhu EGTC?

Il-kunċett ta' EGTC ġie stabbilit f'regolament tal-2006 bħala reazzjoni għall-pressjoni magħmula minn Ewroreġjuni transkonfinali u organizzazzjonijiet simili li talbu bażi legali għall-kooperazzjoni tagħhom. Korpi minn tal-inqas żewġ Stati Membri jridu jkunu involuti f'EGTC – membri minn barra l-UE huma potenzjalment possibbli wkoll. Dawk involuti jistgħu jkunu f'kull livell ta' gvern, awtoritajiet reġjonali jew lokali, assoċjazzjonijiet jew xi korp pubbliku ieħor.

It-twaqqif ta' EGTC għandu jkun immirat lejn tip wieħed mit-tipi prinċipali ta' attivitá. Dan jista' jindirizza l-implimentazzjoni ta' programmi jew proġetti ta' kooperazzjoni territorjali Ewropej. Jista' jkopri l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet oħrajn ta' kooperazzjoni territorjali ko-finanzjati mill-UE. Finalment, dan jista' jwettaq ukoll attivitajiet oħrajn li mhumiex marbuta ma' proġetti finanzjati mill-UE.

## X'inhu l-gwadann bil-formazzjoni ta' EGTC?

L-approċċ għall-Politika ta' Koeżjoni qed isir aktar deċentralizzat: il-programmi 2007-13 jittamaw li jgħibu l-organizzazzjonijiet pubbliċi f'livell sub-reġjonali u b'hekk itejbu l-governanza fuq aktar minn livell wieħed. Billi jingħaqdu u jiffurmaw personalità legali, l-organizzazzjonijiet ikollhom vuċi aktar ċara – dan joffrilmhom mod ieħor ta' kif jieħdu sehem fl-implimentazzjoni ta' programmi taħt l-istess kundizzjonijiet tal-gvernijiet reġjonali jew nazzjonali.

Skont in-natura tagħhom, il-kumplexitajiet involuti fit-twaqqif ta' EGTC jistgħu jidhru bħala deterrent: iżda ladarba jibda jaħdem, l-ostakli għall-kooperazzjoni transkonfinali, bħas-sistemi legali, l-istrutturi amministrattivi u l-kulturi differenti, jitneħħew billi l-grupp jaħdem taħt umbrella waħda, għal sett wieħed ta' regolamenti standard. Dan l-approċċ integrat jagħti lill-parteċipanti pjattaforma rikonoxxuta legalment għal-livelli u l-forom differenti ta' amministrazzjoni, u jimpenjahom għal struttura legali vinkolattiva. Huma għandhom id-daqs, l-impenn politiku, ir-riżorsi u, l-aktar importanti, jistgħu jisfruttaw l-għarfien eżistenti biex jiżviluppaw u jimplementaw strateġiji territorjali, ibbażati fuq l-evalwazzjoni effettiva tal-ħtiġijiet.

## Twaqqif ta' EGTC

**Kooperazzjoni transnazzjonali bejn ir-reġjuni hija ċara bejn il-Galicia, Spanja, u t-tramuntana tal-Portugall, kif jixhed l-Eixo Atlántico.**

Magħmul minn 34 belt fil-Galicia u t-tramuntana tal-Portugall, Eixo Atlántico beda fl-1992, oriġinarjament bħala mezz biex jikkonsolida l-applikazzjonijiet għall-iffinanzjar tar-reġjuni taħt INTERREG. Dan l-inkarigu twessa' malajr, biex jinkludi l-promozzjoni tad-dibattitu politiku dwar l-istrateġiji transkonfinali għal żvilupp sostenibbli.

Għalkemm il-vjaġġ kellu l-mument mqallbin tiegħu – in-nuqqas ta' qafas legali transkonfinali, qabel l-EGTC, fisser li livelli amministrattivi oħra ħassew li l-grupp kien qed jidħol fuq l-iskop ta' attivitá tagħhom – ir-raggruppament reġjonali kien ta' suċċess. Il-ħmistax-il anniversarju tagħhom jsibhom b'baġit li ma nqabiżx, involuti fit-twaqqif ta' EGTC, u jmexxu strateġiji bħal pereżempju l-Aġenda Diġitali Lokali i2020, b'teknoloġiji ġodda, u s-Servizz ta' Studji li jippermetti lir-riċerkaturi biex jiffurmaw network.

## Mill-konferenza dwar il-Koeżjoni Territorjali, Pariġi



### Il-Koeżjoni Territorjali – naħsbu li rriduha, iżda m'aħniex ċerti x'inhi

Il-kooperazzjoni u l-kompetizzjoni jeskludu lil xulxin? L-Iffinanzjar tal-Koeżjoni għandu jmur għas-sostenn ta' territorji li qed jaqgħu lura f'termini ta' PGD jew għandu jmur biex jtkomplew il-poli ta' eċċellenza? Eżattament, il-PGD kemm hu utli bħala indikatur? Sempliċement f'tit mill-mistoqsijiet li qed isiru fil-konferenza dwar il-Koeżjoni Territorjali u l-Futur tal-Politika ta' Koeżjoni. L-avveniment, li sar f'Pariġi fit-30-31 ta' Ottubru, għibed 'il fuq minn elf delegat minn firxa ta' Stati Membri u kelliema mill-oqsma tat-tfassil tal-politika, tal-akkademja u x-xjenza. Panorama attenda l-konferenza u jirraporta lura minn Pariġi dwar it-temi għad-dibattitu, il-workshops li qeġhdin isiru fl-istess ħin u r-rikapitulazzjoni fl-assemblea.

Kif qablu l-kelliema, l-kunċett ta' Koeżjoni Territorjali mhuwiex faċli biex jinftiehem, u dan jagħmel id-dibattitu aktar neċessarju. Hemm hteġa urġenti għal konsensus dwar x'tirrappreżenta l-idea u kif għandu jitħaddem il-kunċett f'termini konkreti, prattiċi, meta wieħed iqis il-post li t-terminu għandu fit-Trattat ta' Liżbona. Għalkemm għadu ma ġiex ratifikat, il-kelliema tkellmu

b'mod unanimu fit-tamiet tagħhom li t-Trattat jiġi ffirmat, li għandu jagħmel l-istabbiliment ta' definizzjoni u ta' viżjoni fit-tul għat-terminu ta' Koeżjoni Territorjali ħaġa meħtieġa.

Waqt li nieda l-konferenza, Hubert Falco, is-Segretarju tal-Istat Franċiż għall-Ippjanar tal-Ispazju, enfasizza l-hteġa għal dibattitu usa', li jinkludi lil dawk involuti b'mod attiv u lil kull membru tal-pubbliku li jħoss li għandu xi ħaġa xi jgħid. "Din il-konferenza hija indikazzjoni tar-rieda tagħna biex nidħlu fi djalogu minn livell lokali għal livell Ewropew, u jien se nirrapporta s-sinteżi tal-argumenti tal-lum u ta' għada fil-laqgħa tal-Ministri li se ssir fil-25 u s-26 ta' Novembru f'Marsilja," spjega, hekk kif fetaħ l-avveniment. Il-konsultazzjoni pubblika se tibqa' sejra sal-aħħar ta' Frar.

L-aħħar ġurnata bdiet b'rikapitulazzjoni tal-konklużjonijiet miġbura mid-diversi workshops u tat l-opportunità lill-kelliema biex iwiegħbu xi mistoqsijiet tal-platea. L-Assemblea finali ffukat speċifikament fuq il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni bi hsbijiet mill-Kummissarju għall-Affarijiet Reġjonali, Danuta Hübner, Pierre Dartout (Delegat Interministerjali għall-Ippjanar tal-Ispazju u l-Kompetittività tat-Territorji, Franza) u minn Mario Pezzini, Deputat Direttur għall-Governanza Pubblika u l-Iżvilupp Territorjali tal-Organizzazzjoni għall-Iżvilupp u l-Kooperazzjoni Ekonomika (OECD) fost oħrajn.

### It-tnedija tad-dibattitu, "il-ftuħ ta' kaxxa ta' Pandora"

L-effett tal-globalizzazzjoni fuq dawk li issa nistgħu nirrikonoxxu bħala swieq finanzjarji fraġli, it-tibdil fil-klima, ix-xejriet demografiċi – kollha jenfazzjaw il-hteġa għal adattament għas-sitwazzjoni li tfeġġ f'kull wieħed mir-reġjuni madwar l-UE.

Miġburin fis-sala ewelnija tal-konferenzi, id-delegati semgħu evalwazzjoni kważi unanima ta' dak li għandu jiġi evitat, u ta' dak li l-Koeżjoni Territorjali m'għandhiex tkun: il-fondi m'għandhomx jittqiesu bħala kumpens, li jsewwi l-ħsara magħmula minn politiki settorali li ma ġewx maħsuba sewwa, "Kull stadju tat-tfassil tal-politika settorali għandu jikkunsidra t-territorju jew inkella nkunu qed naħlu ħinna," qal Michel Delebarre, Viċi President tal-Kumitat tar-Reġjuni. Huwa ddeskriva l-kumitat bħala konvint li l-Koeżjoni Territorjali m'għandhiex tkun sett ta' għodod, li ssewwi l-ħsara kkważata mill-problemi li jirriżultaw mill-implimentazzjoni ta' politiki oħra.

Il-kelliema kellhom diversi ideat dwar x'għandha tkun il-koeżjoni u kif jintlaħqu l-għanijiet tagħha, iżda kollha qablu li d-dibattitu kien kruċjali u wieħed kumpless, u li kien jeħtieġ iwiegħeb mistoqsijiet bħal pereżempju: Koeżjoni Territorjali, iva jew le? X'niffinanzjaw u għal min? Politiki integrati jew settorali? X'inhu r-rwol tal-governanza fuq haġna livelli? Il-Koeżjoni Territorjali fejn tidħol f'politiki oħrajn? Waqt li xebbaħ it-tnedija ta' dan id-dibattitu mal-ftuħ ta' kaxxa ta' Pandora, Jan Olbrycht, membru tal-Kummissjoni REGI tal-Parlament Ewropew, għamilha ċara li għalkemm kontroversjali, is-suġġett kien meħtieġ li jitqajjem u jiġi ċċarat. Huwa qal, "Id-dibattitu kien tajjeb għall-bini ta' fatti u hu proċess ta' tagħlim għal governanza tajba fl-Istati Membri aktar ġodda".



## Il-Koeżjoni u l-Politiki Agrikola Komuni

Nofs l-Ewropa hija fil-biċċa l-kbira tagħha rurali, li fiha tgħix madwar 20% tal-popolazzjoni. L-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant huma kkaratterizzati b'ammont akbar ta' żoni rurali li qed ikollhom jiffaċċjaw l-isfidi tal-migrazzjoni u l-immodernizzar fl-istess ħin. Il-mod ta' kif qegħdin jintużaw iż-żoni rurali qed jinbidel, bil-funzjoni tagħhom tvarja bejn l-Istati Membri ħafna drabi bħala riżultat tal-ġeografija jew tal-politika nazzjonali. **Ħaġa waħda tapplika mal-UE kollha, ir-reġjuni rurali juru l-akbar varjazzjonijiet fil-PGD għal kull ras.**

Skont il-previżjonijiet tal-Kummissjoni, sal-2014 se jintilfu ħames miljun impjeg fl-irziezet. Madankollu, minn perspettiva ekonomika, reġjuni rurali m'għandhomx jiġu kkunsidrati sistematikament li jinsabu fit-triq għan-niżla.

### *Kampjun tal-punti diskussi:*

- Bla ebda dubju, il-PAK għandha dimensjoni territorjali, partikolarment meta wieħed jikkunsidra li l-istejnt taż-Żoni Inqas Favoriti, il-miżuri agro-ambjentali, LEADER u diversi tipi ta' produzzjoni huma relatati b'mod qawwi mal-ġeografija.

Mistoqsijiet li jirriżultaw: Jekk dan ikun il-każ, għandha d-dimensjoni territorjali tal-PAK tiġi rinfurzata? Il-PAK għandha tikkontribwixxi għall-koeżjoni? Dawk li jagħmlu l-politika għandhom jirreferu għal studji tal-impatt territorjali?

- Iż-żoni rurali jiffaċċjaw ħafna sfidi, uħud minnhom huma fil-qalba tal-PAK u tal-Politiki ta' Koeżjoni. Il-kumplikazzjonijiet esperjenzati mill-Istati Membri probabbli li huma parzjalment dovuti għad-distribuzzjoni mhux ċara tal-għanijiet u l-iskop bejn il-politiki ta' Koeżjoni u tal-Iżvilupp Rurali.

Mistoqsijiet li jirriżultaw: Il-miżuri tal-Politika ta' Koeżjoni li jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' territorji rurali għandhom jiġu evalwati? Għandu jkun hemm politika Ewropea waħda iddedikata biss għall-kwistjonijiet rurali? Il-ġestjoni tal-fondi rurali għandha terġa' tiġi evalwata? Kif tista' tiġi żgurata l-governanza multi-settorali u governanza fuq aktar minn livell wieħed?



## Żvilupp sostenibbli

Waħda mill-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-Ewropa llum hi li tistabbilixxi sistema ekonomika li tiġbor fi ħdanha l-kompetittività, ir-restrizzjonijiet tal-karbonju u s-sigurtà tal-enerġija. Il-promozzjoni ta' enerġiji li jiġġeddu timplika ċaqliq sinifikanti minn relattivament marġinali għall-produzzjoni tal-massa. L-isfida għall-Politika ta' Koeżjoni hija li tirrikonċilja l-għanijiet tal-Istrateġija ta' Liżbona, bl-enfasi tagħha tkun fuq it-tkabbir u l-impjegi, ma' dak tal-Istrateġija ta' Gothenburg, li jiffoka fuq l-iżvilupp sostenibbli.

L-iskema ta' negozjar ta' emissjonijiet, il-promozzjoni ta' oġġetti li jiġġeddu, it-titjib fl-effiċjenza tal-enerġija u fit-tekniki għall-qbid u l-ħżin ta' CO<sub>2</sub>, dawn kollha jikkontribwixxu għall-kontroll tal-emissjonijiet tal-gass. **L-Istati Membri jixtiequ biċ-ċar li l-fatturi territorjali fil-livell nazzjonali jiġu kkunsidrati fid-definizzjoni tal-għanijiet mitluba minn kull wieħed minnhom.**

M'hemm l-ebda dubju li t-tibdil fil-klima u l-impatt li għandu dan iwarja minn reġjun għall-ieħor u l-kapaċità tat-territorji biex jindirizzaw dan se tkun stabbilita mill-ġeografija tagħhom u l-għażliet strateġiċi u storiċi fir-rigward tal-ippjanar tal-ispazju, il-politiki tal-enerġija u l-iżvilupp ekonomiku.

### *Mistoqsijiet li jirriżultaw jinkludu:*

- Għaliex id-diversità u l-potenzjal tat-territorji għandhom jiġu kkunsidrati bħala kundizzjonijiet importanti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima?
- L-intervent tal-awtoritajiet pubbliċi fil-livell tal-komunità, nazzjonali u lokali huwa deċisiv fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima?
- Sa liema punt is-suċċess tal-istrateġiji territorjali għall-iżvilupp sostenibbli jiddependu fuq l-integrazzjoni tal-istrateġiji ta' Gothenburg u ta' Liżbona?



## Il-Koeżjoni Territorjali u l-Governanza

Panorama attenda l-workshop dwar il-governanza, fejn wieħed mill-punti ewlenin li haġġu kien id-diffikultà li jiġi definit territorju: territorju amministrattiv bħala unitajiet tal-gvern jew tal-art infisha? Jekk l-art infisha, allura inkluż in-nies li jgħix fuqha jew le? U governanza għandha wkoll tifsiriet differenti fi Stati Membri differenti: “Għaliex m’hemmx korsijiet universitarji dwar il-governanza?” staqsa Jean Marie Beaupuy, MPE Franċiż.

Il-kooperazzjoni għet diskussa, kemm bejn il-livelli differenti ta’ governanza kif ukoll bejn it-territorji. Kif jaraha Beaupuy, il-governanza hi l-aħjar meta tinvolvi kemm il-governanza istituzzjonali, li hi obligatorja, kif ukoll il-governanza bbażata fuq is-sħubija, li tinvolvi l-organizzazzjonijiet volontarji li jmorru lil hinn mill-ħtiġiet tal-amministrazzjoni fir-risposta tagħhom għall-bżonnijiet taċ-ċittadin. Huwa qal, “Din it-tip ta’ kooperazzjoni tista’ tidentifika s-suġġett, tagħmel dijanjożi tal-problema, tadatta pjan ta’ azzjoni u tiegħu l-azzjonijiet,” waqt li żied li d-diffikultà prinċipali mhix il-flus meħtieġa, hija n-natura umana, “**hemm bżonn li nfiehm u lin-nies li l-kondiviżjoni tal-poter mhijiex theddida.**”

It-theddida ipperċeputa tar-reġjuni tal-fruntieri li jstabbilixxu gruppi interattivi, li jikkooperazzjoni qegħda żżomm lil xi Stati

Membri lura. Iżda l-konferenza semgħet kif il-kooperazzjoni transkonfinali bejn ir-reġjuni, fil-forma tar-Raggruppament Ewropew ta’ Kooperazzjoni Territorjali (EGTC), tista’ tasal timxi sewwa fir-realizzazzjoni tal-għanijiet ta’ xulxin. Peter Udvardi, Direttur ta’ Ister Granum, wieħed mill-ewwel EGTCs tal-UE, spjega li r-reġjuni involuti fl-Ungerija u s-Slovakkja ħatfu ċ-ċans li jiffurmaw EGTC: “In-nuqqas ta’ istituzzjonijiet konġunti kien żamm ir-reġjun lura.” Il-bord konsultattiv tagħhom huwa magħmul minn rappreżentanti tal-aktar tliet kumpaniji kbar li huma l-impjegaturi ewlenin taż-żona, rappreżentanti tat-tliet kmamar tal-industrija u l-kummerċ u erba’ membri tal-parlament reġjonali tal-NGOs. Il-kooperazzjoni tkopri l-loġistika, it-trasmissjoni bit-TV u r-radju, l-industrija, il-kura tas-saħħa li għaliha stabbilixxew sistema reġjonali u t-turiżmu, b’rotot tematiki li jserrpu minn ġor-reġjuni.

Waqt li kien qed jitkellem dwar l-Istrateġija tal-UE dwar il-Baħar Baltiku, **Colin Wolfe, il-kap tal-kooperazzjoni territorjali tad-DĠ REGIO**, ġabar il-ħsbijiet ta’ fuq il-palk, “**Il-koeżjoni hija dwar li jingħelbu d-distanzi, d-diviżjoni u l-inugwaljanza.**”

*Mistoqsijiet li jirriżultaw jinkludu:*

- Għandu jkun hemm Kunsill tal-Ministri għall-iżvilupp territorjali fil-livell Ewropew?
- Kif għandha tkun promossa l-koerenza tal-politiki tal-UE b’impatt territorjali biex jiġi sostnut l-iżvilupp sostenibbli fil-livelli nazzjonali u reġjonali?
- Kif tista’ tissaħħaħ il-kooperazzjoni trans-Ewropea biex tiffaċilita l-konnettività u l-integrazzjoni territorjali?



## Kif il-Koeżjoni Territorjali tidħol fil-Proċess ta’ Liżbona

Ir-raba’ rapport dwar il-Koeżjoni wera li kien hemm riskju li qed jikber ta’ żbilanċ territorjali li jirriżulta mill-konċentrazzjoni tat-tkabbir, l-innovazzjoni u l-produzzjoni fl-aktar reġjuni dinamiċi tal-Unjoni. Dan jenfasizza l-ħtieġa li jiġi kkunsidrat il-mod li bih l-Istrateġija ta’ Liżbona tħalli impatt fuq it-territorji differenti u fuq il-potenzjal tagħhom li jieħdu vantaġġ mill-istrateġija.

Ħafna jaqblu li hemm bżonn li jkun hemm aktar għarfien dwar id-diversità territorjali u għandha tingħata ħarsa aktar mill-viċin lejn l-iskala li biha huma mkejja u definiti t-territorji, meta

jkunu qed jiġu stabbiliti l-għanijiet u tkun qed tiġi implimentata l-Istrateġija ta’ Liżbona.

**Il-kooperazzjoni territorjali taċċelera t-tixrid u t-trasferiment tal-prattika tajba** u l-Politika ta’ Koeżjoni in ġenerali, bl-għanijiet u l-għodod tagħha, tappoġġja b’mod sinifikanti l-Istrateġija ta’ Liżbona.

*Mistoqsijiet li jirriżultaw jinkludu:*

- Jekk it-tixrid ibbilanċjat tal-attività ekonomika huwa s-sugu tal-Koeżjoni ekonomika, soċjali u Territorjali, x’inhu r-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi fl-iżgurar li l-oportunitajiet biex jiġi sfruttat il-potenzjal tat-territorji kollha tal-Ewropa jiġu sfruttati b’mod sħiħ?
- Il-Koeżjoni Territorjali tista’ tgħin lill-UE tilħaq il-miri tagħha ta’ tkabbir u impjiegi?
- Liema politiki ta’ innovazzjoni jeħtieġu jiġu implimentati sabiex tiġi evitata d-diviżjoni teknoloġika bejn territorji b’potenzjal u dawk li huma inqas avvanzati?
- Taħseb li strateġiji għall-innovazzjoni reġjonali mfasslin apposta skont il-ħtiġijiet, ibbażati fuq dijanjożi speċifika tal-punti tajbin u l-punti dgħajfin, u fuq is-sħubiji lokali, għandhom isiru l-istandard għall-Politika Reġjonali?

## Fejn immorru minn hawn?

L-aħħar sessjoni esplorat aktar mistoqsijiet milli twegġibiet, qajmet aktar kwistjonijiet milli soluzzjonijiet, iżda l-mistoqsijiet kienu mmirati u l-kwistjonijiet aktar definiti. Il-kumment tal-ftuħ ta' Katarina Mathernova, id-Deputat Direttur Ġeneral ta' REGIO, fil-ġurnata ta' qabel, jiġifieri li "l-kunċett tal-Koeżjoni Territorjali huwa diffiċli biex tifhmu iżda qed jimtela b'aktar u aktar tifsir", deher li kien ikkonfermat.

Għalkemm it-Trattat ta' Liżbona fejn hu stipulat il-kunċett tal-Koeżjoni Territorjali mhuwiex ratifikat, il-konferenza għamlitha ċara li s-suġġett hu mimli b'ħafna opinjonijiet u ħsibijiet: il-kooperazzjoni territorjali kemm se tnaqqar il-poter tal-Istati Membri? Jekk il-Koeżjoni Territorjali u apprezzament tal-karatteristiċi individwali tat-territorji għandhom jiġu kkunsidrati fl-ippjanar ta' kull politika f'kull livell, dan kif jista' jseħħ fil-prattika? "Ibbażata fuq il-post", "indikaturi aħjar", "ħarsa aktar mill-viċin lejn il-mappa", "il-fondi m'għandhomx jiġu kkunsidrati bħala l-kaxxa tal-ewwel għajnuma", "kooperazzjoni u kompetizzjoni id f'id": m'hemm l-ebda dubju li s-suġġett se jkun fiċ-ċentru ta' ħafna aktar dibattiti u l-Green Paper tal-Kummissjoni u l-konsultazzjoni pubblika sussegwenti hija f'waqtha.



Il-fruntieri mhumiex ostakolu għall-Koeżjoni Territorjali.

Allura bħalissa fejn ninsabu? Waqt li jargumenta li issa mhux il-waqt li jiġu fformulati linji gwida u regolamenti, Andreas Faludi, Professur tas-Sistemi ta' Politika tal-Ispazju fid-Delft Technical University, ħeġġeġ għat-tkomplija ta' 'ippjanar ta' politika pragmatika' b'evalwazzjonijiet sistematiċi tal-impatt li jsiru min panils ta' reviżjoni transnazzjonali u subnazzjonali u li fil-livelli kollha jiġu segwiti l-Politiki ta' Koeżjoni b'mod vigoruż.

Id-definizzjoni tal-kelma "territorju" tirrikjedi attenzjoni: fuq naħa l-kelma hija relatata mal-idea ta' stati nazzjon, il-pajjiżi mhumiex pajjiżi mingħajr territorji – fuq in-naħa l-oħra, it-territorji issa qed joħroġu bħala prodotti tal-intenzjoni tal-bniedem, "hemm kunflitt bejn iż-żewġ kunċetti" spjega Faludi, waqt li żied li huwa diffiċli ħafna għall-Istati Membri li jgħaddu l-kompetenzi tagħhom lil gruppi transnazzjonali.

Waqt li l-Istati Membri jistgħu jsibuha diffiċli biex jemmnu li l-kooperazzjoni bejn ir-reġjuni tista' ttejjeb il-kompetittività u ħajjet iċ-ċittadini, għal dawk li jfasslu l-politika li huma diġà konvinti, il-problema hija aktar kif se jevalwaw l-impatt li qed ikollhom fil-prattika. L-aktar indikatur użat, il-PGD, mhuwiex kapaċi jiddeskrivi s-sitwazzjoni f'dettall tajjeb biżżejjed. Kif spjegat Mathernova, l-indikaturi jista' jkollhom funzjonijiet normattivi jew deskrittivi; fl-ewwel kategorija, il-PGD hu u se jibqa' ċentrali, minħabba r-robustezza tiegħu; fit-tieni kategorija, il-Kummissjoni qed taħdem mal-Eurostat biex ittejjeb il-fehim tad-dinamiċi.

Kull ħaġa li se joħroġu biha, din mhux se toġġob lil kulħadd: "L-indikaturi huma problema għax kull Stat Membru jipprova jara x'inhuma l-implikazzjonijiet għalih" qal Faludi.



Kif spjegat il-Kummissarju Hübner: “Int tara suq intern strutturat għall-kompetittività, u l-qafas makro-ekonomiku stabbli taż-żona ewro. Imbagħad għandek Politika ta’ Koeżjoni, li tirrispetta l-armonija soċjo-ekonomika u li tgħożż is-solidarjetà. **Għandna bżonn ta’ din il-Politika ta’ Koeżjoni unika, responsabbli għas-soċjetajiet, territorji u reġjuni kollha. Munita waħda, suq wieħed, Politika ta’ Koeżjoni waħda.**”



### Il-mument kritiku tal-kreditu jitfa’ d-dell tiegħu

Għalkemm ħadd ma immaġinah meta ġiet ippjanata l-konferenza, il-kaos fis-swieq finanzjarji jista’ jitfa’ eluf ta’ proġetti ta’ innovazzjoni f’riskju mal-Ewropa kollha, kif ukoll ikollu impatt drammatiku fuq l-impjegji u n-negozji.

Michael Ralph, kelliem għal Vladimir Spidla, il-Kummissarju għall-Impjeggi, l-Affarijiet Soċjali u l-Opportunitajiet Indaq, esprima l-biża’ li l-kriżi tista’ tqiegħed dak li nkiseb taħt l-Istrateġija ta’ Liżbona f’ dubju. “Il-fondi soċjali jistgħu u għandhom jintużaw biex il-ħaddiema u l-kumpaniji tagħna jiġu stimolati – huma essenzjali għat-tkabbir futur. **Għandna dejjem niftakru li huma dawkl-aktar dghajfalil-aktar li jbatu f’reċessjoni.**”

It-theddida ta’ ċirku vizzjuż kienet deskritta fil-qosor minn Alain Rousset, President tal-Assoċjazzjoni tar-reġjuni Franċiżi fil-laqgħa tal-ftuħ mal-ġurnalisti, qabel il-konferenza. Hu sejjaħ għal iffinanzjar fuq terminu qasir biex negozji u istituti ta’ riċerka fl-UE jkunu jistgħu ikampaw matul is-sena jew is-sentejn li ġejjin: “Rigward illum, l-impatt u d-dewmien tal-kriżi finanzjarja għandhom ikunu minimizzati. Aħna qed nirriskjaw li nżommu lura l-investment bi krediti għax ix-xogħol fuq l-innovazzjoni qed jinżamm lura għax il-kreditu nixef.” Hu jibża’ li jekk il-kreditu pubbliku ma jkunx sostanzjali biżżejjed, il-banek ma jintervjenux.

Id-delegati tal-Kummissjoni assigraw lill-konferenza li kienu qegħdin jiġu implimentati miżuri finanzjarji biex jiffaċilitaw is-sitwazzjoni għall-Istati Membri.

### U l-opinjoni mill-platea?



“Din kienet konferenza organizzata u interessanti ħafna b’kontribuzzjonijiet dinamiċi mill-kelliema. Għalkemm il-punti ewlenin issa huma aktar ċari, kienet tkun interessanti ħafna kieku smajna mingħand dawk li ma jaqblux mal-kunċett ta’ koeżjoni u mad-dimensjoni territorjali tagħha. Ikun aktar interessanti biex id-dibattitu jsir aktar robust.”

*Concha Játiva Sevilla – Involuta fil-Politika Reġjonali f’Direttorat-Ġenerali għall-Ekonomija tal-gvern provinċjali ta’ Valencia.*

### Territorju xi jfisser għalik?

**IT**  
Territorio – art regolata li fiha frontieri

**DE**  
Gebiet – spazju  
Territorium – art u n-nies ta’ fuqha

**FI**  
Alue – żona

**FR**  
Territoire – art u n-nies ta’ fuqha

**EN**  
Territory – art fil-pussess ta’ xi ħadd, dik li xi ħadd jipposjedi  
Terrain – medda ta’ art b’referenza partikolari għall-karatteristiċi fiżiċi tagħha

**EL**  
Έδαφος – ħamrija, biċċa art, żona

# Aġenda ta' REGIO

Dati	Avveniment	Post
5-6 ta' Frar 2009	Konferenza għall-partijiet interessati dwar l-istrateġija tal-UE għar-reġjun tal-Baħar Baltiku <a href="http://ec.europa.eu/regional_policy/cooperation/baltic/events_en.htm">http://ec.europa.eu/regional_policy/cooperation/baltic/events_en.htm</a>	Rostock (DE)
9-13 ta' Frar	Id-Direttorat-Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Enerġija u t-Trasport, l-Istituzzjonijiet Ewropej u l-partijiet interessati ewlenin ikkonċernati b'enerġija sostenibbli flimkien qed itellgħu it-tielet edizzjoni tal-Ġimgħa tal-Enerġija Sostenibbli tal-UE (EUSEW) <a href="http://www.fedarene.org/events/Fedarene_events/Eusew_2009/Eusew2009_events.htm">http://www.fedarene.org/events/Fedarene_events/Eusew_2009/Eusew2009_events.htm</a>	Brussell u bliet oħra madwar l-Ewropa
L-aħħar ta' Frar	Jintemm il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-Green Paper dwar Il-Futur tal-Koeżjoni Territorjali – l-analiżi tar-riżultati tal-konsultazzjoni mistennija joħorġu lejn l-aħħar tar-Rebbiegħa	
21-24 ta' Ġunju	Konferenza tal-ISPIM – Il-Futur tal-Innovazzjoni organizzat mill-ISPIM, ospitata mill-Kamra Ekonomika Federali Awstrijaka u appoġġjata minn DANUBE – Programmi Ewropej għat-Taħriġ, ir-Riċerka u t-Teknoloġija u l-Konsultazzjoni dwar l-Istrateġija Proporzjonali u l-Innovazzjoni <a href="http://conference.ispim.org/">http://conference.ispim.org/</a>	Vjenna (AU)
25 – 29 ta' Awwissu	Id-49 Kungress Annwali tal-Assoċjazzjoni tax-Xjenza Regionali Ewropea <a href="http://www.ersa.org/spip.php?rubrique2">http://www.ersa.org/spip.php?rubrique2</a>	Łódź (PL)

## Semma' Leġnekk

Il-proċess ta' konsultazzjoni għall-Green Paper dwar il-Koeżjoni Territorjali se jasal fi tmiemu fl-aħħar ta' Frar u l-Kummissjoni hija interessata ħafna biex tisma' dak li għandek xi tgħid inti dwar is-suġġett.

Fil-link t'hawn taħt, tista' ssib web page dedikata għall-proċess ta' konsultazzjoni li toffri t-test innifsu tal-Green Paper u ċ-ċans li ssemma' leġnekk.

[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/consultation/terco/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/consultation/terco/index_mt.htm)

Għal aktar informazzjoni dwar kif tibgħat ir-risposta tiegħek, lil min tikkuntattja għal aktar informazzjoni u karti ta' sfond li huma ta' interess, agħti daqqa t'għajn fi:

[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/consultation/terco/consultation\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/consultation/terco/consultation_mt.htm)

Il-kontribuzzjonijiet li jaslu jiġu ppubblikati fuq l-internet. Huwa importanti li taqra d-dikjarazzjoni speċjali dwar il-privatezza, disponibbli fuq is-sit, għal informazzjoni dwar kif se tiġi ttrattata d-dejta personali u l-kontribuzzjoni tiegħek.

# REGIO u netwerks

## Il-futur tar-Reġjun tal-Baħar Baltiku

Il-Kummissjoni tistiednek tikkummenta u tikkontribwixxi għal abbozz ta' strateġija għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku permezz tal-website tal-istrateġija. F'Novembru beda perjodu ta' konsultazzjoni pubblika u dan baqa' sejjer sa tmiem l-2008. Il-kontribuzzjonijiet sejrini jgħu ppubblikati fuq l-internet. L-istrateġija se taħdem biex tagħmel ir-reġjun: ambjentalment sostenibbli, prosperuż, aċċessibbli, attraenti, bla periklu u sigur. Id-dokument ta' konsultazzjoni jistaqsi kif l-aħjar li jkun immirat l-iffinanzjar, kif il-ħtiġiet tal-ambjent jgħu bbilanċjati mal-iżvilupp u t-tkabbir tar-reġjun u kif l-użu tal-baħar jgħi organizzat b'mod aktar razzjonali. Is-soluzzjoni ta' dawn, u tal-kwistjonijiet l-oħrajn imqajma, teħtieġ kemm jista' jkun kontribut pożittiv – iż-żona hija unika fil-kumplessità tagħha. Il-pajjiżi involuti jinkludu tmien Stati Membri, in-Norveġja u parti mill-Federazzjoni Russa. L-ideat tiegħek huma milqugħin. L-istrateġija se tkun iffinalizzata u ppreżentata bħala Komunikazzjoni lill-Kunsill sa Ġunju 2009. Fl-istess ħin, l-Awtoritajiet ta' Gestiġni tal-programmi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE se jiltaqgħu fl-Iżvezja biex jgħaqqu l-azzjonijiet stabbiliti fl-istrateġiji mal-fondi disponibbli mill-Politika ta' Koeżjoni. Waħda mill-edizzjonijiet li jmiss tar-rivista Panorama se tkun kollha kemm hi ddedikata għar-Reġjun tal-Baħar Baltiku. [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/consultation/baltic/consultation\\_en.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/consultation/baltic/consultation_en.htm)

## Il-ktieb annwali reġjonali tal-Eurostat

Ħarsa ġenerali lejn l-aħħar żviluppi ekonomiċi, soċjali u demografiċi fil-27 reġjun tal-Istati Membri tal-UE kif ukoll tar-reġjuni tat-tliet pajjiżi kandidati (il-Kroazja, l-ex Repubblika Jugożlawa tal-Maċedonja u t-Turkija) u l-erba' pajjiżi tal-EFTA (l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja u l-Iżvizzera) tista' tinstab fl-edizzjoni tal-2008 tal-ktieb annwali reġjonali tal-Eurostat. Il-ktieb annwali tal-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej fih diversità rikka ta' dejta minn oqsma differenti tal-istatistika u jinkludi kapitli fuq il-popolazzjonijiet, l-istatistiċi urbani, il-PGD, il-kontijiet tad-djar, l-istatistiċi dwar l-istruttura tan-negozji, is-suq tax-xogħol, it-trasport, it-turiżmu, ix-xjenza, it-teknoloġija u l-innovazzjoni, is-saħħa, l-agrikoltura, l-ispejjeż tax-xogħol u l-produttività settorali. <http://ec.europa.eu/eurostat>

## Konferenza dwar in-Netwerking għar-Riżultati u Regiostars 2009

Taħt it-titlu 'Netwerking għar-Riżultati', id-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali tal-Kummissjoni Ewropea u servizzi oħra tal-Kummissjoni se jorganizzaw il-konferenza annwali tal-inizjattiva tar-'Reġjuni għall-bidla ekonomika' fis-16 u s-17 ta' Frar 2009, b'kooperazzjoni mal-Kumitat tar-Reġjuni. L-għan ta' din il-konferenza huwa li permezz ta' disa' workshops, aktar minn 500 parteċipant ikunu jistgħu jaħdmu flimkien u jiskambjaw il-prattiċi t-tajba biex tiġi segwita l-istrateġija ta' Liżbona għat-tkabbir u l-impjiegi f'livell reġjonali. Billi tiddiskuti l-Politika Reġjonali Ewropea u l-istrumenti tagħha, ir-reġjuni jistgħu jitgħallmu mingħand xulxin u jittrađu eżempji ta' Prattika u ta' governanza tajba f'azzjoni permezz ta' politiki u programmi prinċipali. Ir-Regiostars hija possibbli mill-bidu ta' Diċembru fuq il-website ta' InfoREGIO.

Fil-lejla tas-16 ta' Frar, il-Kummissarju Ewropew għall-Politika Reġjonali, Danuta Hübner se tippreżenta l-premjijiet 'RegioStars' 2009 lill-proġetti reġjonali rebbieħa, bil-għan li tinxtered il-prattika tajba fl-iżvilupp reġjonali Ewropew. [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/cooperation/interregional/ecochange/index\\_en.cfm](http://ec.europa.eu/regional_policy/cooperation/interregional/ecochange/index_en.cfm)

## Naħdmu għar-Reġjuni – Politika Reġjonali tal-UE 2007-13



[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docgenerator/presenta/working2008/work\\_mt.pdf](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgenerator/presenta/working2008/work_mt.pdf)  
Il-partikolaritajiet u d-dettalji kollha tal-Politika Reġjonali Ewropea. Disponibbli fi 22 lingwa.

## Politika ta' Koeżjoni 2007-13 Folji ta' fatti tal-pajjiżi



[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docgenerator/informat/info\\_en.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgenerator/informat/info_en.htm)  
Ħarsa lejn il-prijoritajiet ta' investiment nazzjonali, l-allokazzjonijiet finanzjarji u l-impatt mistenni tal-Politika ta' Koeżjoni fis-27 Stat Membru tal-UE. Disponibbli bl-Ingliż,

bil-Franċiż u bil-Ġermaniż u l-lingwa(i) tal-Istat Membru.

## Il-Ħames Rapport Interim dwar il-Koeżjoni Soċjali u Ekonomika Reġjuni li qed jikbru, Ewropa li qed tikber



[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docoffic/official/reports/docoffic/com\\_2008\\_371\\_mt.pdf](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/official/reports/docoffic/com_2008_371_mt.pdf)  
Disponibbli fi 22 lingwa.

## Politika ta' Koeżjoni 2007-13 Kummentarji u testi uffiċjali



[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docoffic/official/regulation/pdf/2007/publications/guide2007\\_en.pdf](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/official/regulation/pdf/2007/publications/guide2007_en.pdf)  
Issa disponibbli fi 22 lingwa.

*It-test komplut tal-liġijiet tal-UE, il-proposti u d-dokumenti uffiċjali huma disponibbli online f'*  
<http://eur-lex.europa.eu/mt/index.htm>

# Online

[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/funds/recovery/](http://ec.europa.eu/regional_policy/funds/recovery/)

Kriżi Finanzjarja – ir-risposta mill-Politika ta' Koeżjoni Ewropea. Biex issir taf kif il-Politika ta' Koeżjoni tikkontribwixxi għall-pjan ta' rkupru ekonomiku tal-Kummissjoni Ewropea kkonсульта t-taqsimi l-ġdida tal-website Inforegio. Fis-26 ta' Novembru, fi tweġiba għall-kriżi ekonomika dejjem għaddejja u t-tnaqqis fil-pass tal-ekonomija Ewropea, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat pjan ta' rkupru wiesa' għall-Ewropa. Il-Politika ta' Koeżjoni Ewropea qed tagħmel kontribuzzjoni konsiderevoli għal dan il-pjan. Ittieħdu serje ta' miżuri, kemm leġiżlattivi kif ukoll mhux leġiżlattivi, biex jgħinu sabiex tithaffet l-implimentazzjoni tal-proġett fuq l-art u jinnettaw fiduċja u dinamiżmu fl-ekonomija Ewropea.



[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/sources/docoffic/working/regions2020/index\\_en.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docoffic/working/regions2020/index_en.htm)

## REĠJUNI 2020: Rapport tal-Kummissjoni dwar l-isfidi futuri issa jinsab online

Rapport ġdid, 'Reġjuni 2020', prodott mid-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali tal-Kummissjoni Ewropea, jipprovdi l-ewwel analiżi prospettiva tal-impatt reġjonali possibbli ta' erba' mill-akbar sfidi li qegħda tiffaċċja l-Ewropa: il-globalizzazzjoni, it-tibdil demografiku, it-tibdil fil-klima, u l-provvista tal-enerġija. Bl-użu ta' serje ta' indikaturi, ir-rapport jiddeskrivi l-grad ta' vulnerabilità tar-reġjuni Ewropej għal dawn l-isfidi, u jeżamina n-nuqqas ta' qbil potenzjali li dawn jistgħu jiġġeneraw mal-UE kollha. Is-sejbiet jitingħu il-proċess ta' riflessjoni dwar il-futur tal-Politika ta' Koeżjoni Ewropea.



<http://www.interreg4c.eu/>

INTERREG IVC jiffirma parti mill-Għan ta' Kooperazzjoni Territorjali Ewropea u għandu l-għan li jlaqqa' reġjuni bl-esperjenza ma' oħrajn li għandhom bżonn l-għarfien tagħhom filwaqt li jiffaċilita l-iskambju ta' għarfien u l-aħjar prattika. Is-sit joffri sejħa għall-proposti, pakketti ta' applikazzjonijiet għall-iffinanzjar, u informazzjoni dwar il-punti ta' kuntatt qrib tiegħek.



<http://lisbon.cor.europa.eu/lisbon-monitoring-platform.html>

Il-Pjattaforma ta' Monitoraġġ ta' Liżbona hija taqsimi fil-website tal-Kumitat tar-Reġjuni li tistudja r-relazzjoni bejn il-Politika ta' Koeżjoni u l-miri ta' tkabbir u żieda fl-impjiegi integrati fl-Istrateġija ta' Liżbona. Din għandha firxa ta' miri li jinkludu l-identifikazzjoni ta' liema ostakli jiffaċċjaw l-awtoritajiet lokali hekk kif jimplementaw l-istrateġija u tgħinhom isibu soluzzjonijiet realistiċi, tipprovdi lill-awtoritajiet lokali u reġjonali b'bażi argumentattiva fid-dibattiti nazzjonali tagħhom u timmonitorja kif il-gvernijiet fil-livell lokali u reġjonali qed jikkontribwixxu għal programmi ta' Riforma Nazzjonali fir-rigward tal-kwistjoni tat-tkabbir u l-impjiegi. B'mod ġenerali, is-sit joffri analiżi u gwida.



## Il-konsultazzjoni pubblika għandha bżonn l-ideat tiegħek

Din il-ħarġa kienet iddedikata għall-analiżi tal-Green Paper tal-Kummissjoni dwar il-futur tal-Koeżjoni Territorjali. Jekk ma kellekx il-ħin biex taqra l-pubblikazzjoni allura agħti ħarsa lejn il-website fejn tista' taqra l-karta u ssemma' leħnek waqt il-perjodu ta' konsultazzjoni pubblika. Jekk jogħġbok innota li l-konsultazzjoni tintemm fl-aħħar ta' Frar għalhekk jekk għandek xi ideat, tamiet jew beżgħat, issa ċ-ċans biex tesprimihom.

[http://ec.europa.eu/regional\\_policy/consultation/terco/index\\_mten.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/consultation/terco/index_mten.htm)

## Kuntatt

Raphaël Goulet  
Avenue de Tervuren 41, B-1040 Brussels  
Fax (32-2) 29-66003  
E-mail: [regio-info@ec.europa.eu](mailto:regio-info@ec.europa.eu)  
Internet: [http://ec.europa.eu/regional\\_policy/index\\_mt.htm](http://ec.europa.eu/regional_policy/index_mt.htm)

ISSN 1830-9348

© Komunitajiet Ewropej, 2008  
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata sakemm ikun rikonoxxut is-sors.

Stampat fil-Belġju

UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJET UFFIĊĊJALI  
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ  
L-2985 Il-Lussemburgu



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet  
[Publications.europa.eu](http://Publications.europa.eu)